MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Avviz Numru. 373/2011

**SM (Marketing) Ltd (C-41560)**

**vs**

**Jonathan Vella**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-7 ta’ Novembru 2011 fejn is-socjeta’ attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ ghaxart elef, mitejn u sebgha u hamsin Ewro u tlieta u tmenin Ewro centezmu (€10,257.83), bilanc fuq somm akbar rappresentanti l-prezz ta’ prodotti mibjugha u konsenjata lilu fuq ordni tieghu stess.

Bl-imghax mid-data ta’ kull konsenja u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tad-29 ta’ Gunju 2011 kif ukoll tal-Mandat ta’ Sekwestru intavolat kontestwalment mal-

presenti kontra l-intimat, li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat illi l-konvenut notifikat nhar it-12 ta' Jannar 2012 (fol. 8 tergo) ma pprezentax risposta nonostante d-diversi opportunitajiet li nghata.

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2012 il-konvenut naqas li jkollu rapprezenant tieghu prezenti ghas-seduta u ghalhekk is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut (fol. 12).

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' April 2012 il-konvenut ma deherx sabiex iwiegeb ghas-subizzjoni tas-socjeta' attrici.

Rat illi s-socjeta' attrici ghadha kreditrici tal-konvenut fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta' ghaxart elef, mitejn u sebgha u hamsin Ewro u tlieta u tmenin Ewro centezmu (€10,257.83).**

**Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' l-ittra legali u cioe' mid-29 ta' Gunju 2011 a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------